MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 1410/1999/1

**Maltacom PLC**

**vs**

**Nathalie Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmienja u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm398.52), liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 381609 (skond kif jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz) liema servizz gie installat mill-Korporazzjoni Telemalta fil-fond Southpoint Court, Flat 1, Triq s-Swieqi, Swieqi, skond ma kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" dokument B anness mal-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Lulju 1999, tat-taxxa fuq l-valur mizjud nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u fol 3 u markati "A u B".

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-16 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm398.52,0 bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 1999 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittjiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------